PARLAMENT TA' MALTA

# IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1800

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 124 tal-4 ta' Ġunju 2018 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**ATTIVITAJIET U WIRJIET FIL-PARLAMENT TA’ MALTA MATUL IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA**

**20. L-ONOR. KAROL AQUILINA** jistaqsi lill-iSpeaker: Jista’ l-Ispeaker jgħid kemm-il wirja u attività saret fil-bini tal-Parlament mill-bidu ta' din il-Leġiżlatura (Numru XIII)? Jista' jagħti dettalji dwar x'kienet tinvolvi kull waħda mill-wirjiet u mill-attivitajiet? Jista' jgħid x'wirjiet u attivitajiet huma ppjanati li jsiru fil-bini tal-Parlament sal-aħħar tas-sena 2018?

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia)** Matul il-Leġiżlatura attwali (Numru XIII), jiġifieri, fil-perijodu minn Ġunju 2017 sas-Sibt, 2 ta’ Ġunju 2018, saru 28 attivitajiet, li minhom kien hemm 10 wirjiet, 9 konferenzi / laqgħat, 2 tnedijiet ta’ kotba u 7 attivitajiet oħra. Is-suġġetti tal-attivitajiet li saru fil-Parlament huma varji. Deskrizzjoni ta’ kull attività li saret fil-Parlament qed tingħata fl-Anness ma’ din it-tweġiba.

Minn Ġunju sa Diċembru 2018, hemm ippjanati madwar 16-il attività oħra. Dawn huma: 5 wirjiet, 7 konferenzi / laqgħat u 4 attivitajiet oħra.

Tajjeb wieħed isemmi li fil-Parlament, it-Tnejn, 26 ta’ Ġunju 2018 ser tkun organizzata, fil-Jum Dinji kontra l-Abbuż tad-Droga, il-Konferenza Nazzjonali: *Ħajja ħielsa mid-Droga - Flimkien b’għan wieħed.* Din ser issir b’kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, flimkien ma’ Aġenzija Sedqa, Caritas – Malta, u Fondazzjoni OASI. Hemm ukoll ippjanata f’Lulju 2018 Konferenza Internazzjonali dwar Tolleranza u l-Paċi.

F’dan iż-żmien hemm ukoll ippjanati laqgħat oħra tal-Parlament taż-Żgħażagħ u tan-Nanniet, kif ukoll, Public Policy Conference, fl-għeluq l-40 sena mit-Twaqqif tad-Dipartment tal-Public Policy fl-Università ta’ Malta. Ser issir ukoll Konferenza fl-Għeluq il-Ħamsin Anniversarju mit-Twaqqif tal-Unjoni Doganali Ewropea b’kollaborazzjoni mad-Dipartiment tad-Dwana, Malta, Ministeru għall-Finanzi.

Attivitajiet oħra jinkludu: laqgħa bejn it-tfal li jattendu SkolaSajf u l-parlamentari, Oħloq Kultura, inizjattiva kreattiva li tinvolvi wkoll lit-tfal, il-Konferenza Annwali mtellgħa minn Malta UN Society (MaltUN), Science in the House 2018, u wirjiet tal-arti, li jinkludu t-Tifkira tal-100 sena mill-Independenza tal-Polonja, Wirja tal-Arti Astratta ta’ Anthony Spagnol, Wirja ta’ Presepju Artistiku fil-Parlament u Wirja Artistika b’risq id-Dar tal-Providenza.

Minn meta l-Parlament ta’ Malta beda jagħmel użu minn bini fid-daħla tal-Belt Valletta, l-Uffiċċju tal-iSpeaker qed joffri l-użu tal-Parlament ta’ Malta sabiex flimkien ma’ individwi, kif ukoll, assoċjazzjonijiet u għaqdiet, jittellgħu attivitajiet kulturali u oħrajn li permezz tagħhom il-pubbliku jsir aktar mgħarraf dwar il-Parlament, kemm bħala istituzzjoni tal-Istat ta’ Malta, kif ukoll, post fejn jiddjaloga mar-rappreżentanti eletti minnu, minn żmien għal żmien, dwar suġġetti u temi li jolqtu lis-soċjetà.

Seduta 124
4.6.18

**ANNESS**

| | |
|---|---|
| | **ATTIVITAJIET FIL-PARLAMENT TA' MALTA<br>MATUL IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA<br>(bejn Ġunju 2017 u Diċembru 2018)** |
| | <u>Ġunju 2017</u> |
| 1. | **Wirja dwar il-Moda f'Malta mill-1917**, mit-30 ta' Ġunju sal-4 ta' Lulju 2017 |
| | <u>Settembru 2017</u> |
| 2. | **Konferenza Annwali MaltUN Malta Society** mill-15 sas-17 ta' Settembru 2017. Kull sena, il-Parlament ta' Malta joffri l-faċilitajiet lil UN Malta Society sabiex torganizza l-konferenza annwali tagħha li għaliha jattendu diversi Maltin u barranin fejn jiddiskutu temi li jolqtu r-relazzjoni internazzjonali u l-liġi internazzjonali. |
| 3. | **It-Tfal SkolaSajf fil-Parlament**: Tfal, ġenituri u għalliema miċ-Ċentri ta' SkolaSajf ta' San Pawl il-Baħar, Attard u Fgura żaru l-Parlament fit-18 ta' Settembru 2017 fejn ġew milqugħa mill-iSpeaker, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sports, is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, il-*Whip* Parlamentari għall-Gvern u l-*Whip* Parlamentari għall-Oppożizzjoni. |
| 4. | ***Science in the City / Science in the House*** mill-25 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru 2017. Din l-attività ssir b'koordinament mad-Dipartiment tax-Xjenza, Università ta' Malta. Din il-wirja turi l-għadd sabiħ ta' programmi ta' riċerka fl-Università ta' Malta u l-kontribuzzjoni ta' dawn il-proġetti sabiex titjieb il-ħajja tal-bniedem. |
| | <u>Ottubru 2017</u> |
| 5. | **Notte Bianca 2017**, is-Sibt, 7 ta' Ottubru 2017.<br><br>Il-pubbliku żar il-Parlament ta' Malta bejn is-6.00 pm u nofsillejl. F'dawn iż-żjarat, uffiċjali tal-Parlament għarrfu lill-membri tal-pubbliku dwar l-għanijiet ta' din l-istituzzjoni importanti ta' Malta, il-proċedura parlamentari, ix-xogħol tal-Kumitati tal-Kamra u ħidmiet oħra tal-Parlament.<br><br>Matul din l-edizzjoni tan-Notte Bianca, il-pubbliku kellu l-opportunità li jżur il-*Wirja Science in the House* li tifforma parti minn attività annwali msejħa *Science Week in* |

| | |
|---|---|
| | *the City 2017* mtellgħa mid-Dipartiment tax-Xjenza tal-Università ta' Malta, flimkien mal-*European Researchers' Night Consortium.* Din il-wirja kienet proprju dwar ix-xogħlijiet ta' riċerka li qed isiru fl-Università fix-xjenza, b'mod partikolari, il-mediċina u s-saħħa pubblika, il-ħarsien tal-ambjent, l-informatika (ICT), l-inġinerija, studji soċjali u oqsma oħra tal-ħajja. |
| | <u>Novembru 2017</u> |
| 7. | ***The Malta Architect Awards Exhibition 2017*** mit-30 t'Ottubru sal-14 ta' Novembru 2017. Wirja annwali li permezz tagħha jingħata rikonoxximent lid-disinjaturi, lill-inġiniera u lill-periti tal-kontribut tagħhom fl-iżvilupp sostenibbli ta' Malta. |
| 8. | **Tnedija tal-ktieb '*Disa' Kriżijiet*' miktub minn Tonio Borg**, il-Ġimgħa, 10 ta' Novembru 2017. F'dan il-ktieb l-awtur jirrakonta l-ġrajjiet storiċi li jolqtu l-kriżijiet politiċi mill-kisba ta' Gvern responsabbli fl-1921 sal-2013. |
| | <u>Diċembru 2017</u> |
| 10. | **Wirja Fotografika ta' Sebio Aquilina, *Il-Festi Maltin minn ġol-lenti***, fl-Għeluq is-Sebgħin Anniversarju mit-Twaqqif tal-Għaqda Każini tal-Banda mit-2 sal-10 ta' Diċembru 2017 |
| 11. | **Wirja tal-Arti b'risq id-Dar tal-Providenza**, mill-Ġimgħa, 15 sal-Ħamis, 28 ta' Diċembru 2018. Għadd sabiħ ta' artisti Maltin u barranin b'donazzjoni jagħtu x-xogħlijiet tal-arti sabiex jinbiegħu b'risq il-ħtiġijiet tad-Dar tal-Providenza, Siġġiewi. |
| | <u>Jannar 2018</u> |
| 12. | ***Inspired in China – Fine Art Exhibition by Maltese Artists 2017-2018,*** mill-Ħamis, 18 ta' Jannar sal-Erbgħa, 28 ta' Frar 2018. Din il-wirja ġabret flimkien xogħlijiet ta' artisti Maltin ispirati mill-ġmiel naturali u l-ħajja tal-poplu Ċiniż. Din il-wirja kienet organizzata flimkien mal-Istitut Kulturali Ċiniż u l-Ambaxxata tar-Repubblika tal-Poplu Ċiniż. |
| | <u>Frar 2018</u> |
| 13. | **Parlament għal Kulħadd**, nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar 2018. Din il-laqgħa fil-Parlament saret b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Matul din il-laqgħa kienu diskussi affarijiet li għandhom iwasslu lill-persuni b'diżabilità sabiex jintegraw aktar fis-soċjetà. |

| | |
|---|---|
| | |
| 14. | **Tnedija ta' ktieb intitolat '*Kmadament Numru Ħdax'* ta' Paul P. Borg**, awtur li għandu għal qalbu l-ħarsien tal-ambjent, it-Tnejn, 21 ta' Frar 2018. |
| 15. | **Laqgħa ma' għadd ta' Sindki u Kunsulliera ta' bliet Ewropej** bħala parti mill-*European Citizens' Programme,* it-Tnejn, 26 ta' Frar 2018. F'din il-laqgħa ġie diskuss il-Proġett ta' Integrazzjoni Ewropea fil-kuntest ta' Amministrazzjoni Muniċipali jew Gvern Lokali. |
| | <u>Marzu 2018</u> |
| 16. | **Vot 16: Diskussjoni bejn Membri Parlamentari u Żgħażagħ** dwar l-iżvilupp storiku fil-proċess kostituzzjonali u demokratiku ta' pajjiżna, it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018. |
| 17. | Mill-Ġimgħa, 16 ta' Marzu sal-Ħadd, 11 ta' April 2018: **Wirja ta' Arti intitolata *"Reaching for the Spirit" 20th Century Images of the Religious and the Spiritual Carmelo Mangion, Antoine Camilleri and George Fenech.*** Din il-wirja ġabret flimkien fost l-aqwa xogħlijiet artistiċi ta' esponenti kbar tal-arti f'Malta. Din il-wirja kienet tislima xierqa lil dawn l-artisti Maltin.<br><br>Matul din il-wirja, l-organizzaturi ħasbu sabiex isiru żjarat mit-tfal u żgħażagħ tal-iskejjel u l-Università ta' Malta, kif ukoll, laqgħat pubbliċi fejn għalliema u studjużi tal-arti tkellmu dwar diversi aspetti tax-xogħlijiet esebiti u l-karattru tal-artist kif espress fix-xogħol tiegħu. Din il-wirja ttellgħet mill-qraba tal-artisti msemmija, flimkien ma' studjużi tal-arti, għalliema fl-Università ta' Malta u l-Iskola tal-Arti. |
| 18. | **Earth Hour 60+** is-Sibt, 24 ta' Marzu 2018. Il-Parlament ta' Malta ssieħeb f'din l-inizjattiva internazzjonali sabiex jitqajjem dejjem l-għarfien favur miżuri biex jitħares l-ambjent. |
| | <u>April 2018</u> |
| 20. | **Wirja Fotografika intitolata *"Stop the fix, Fix the threat – Għal sport nadif"*** imtellgħa b'kollaborazzjoni ma' TimSportPN, bejn it-13 u s-27 ta' April 2018. |
| 21. | **Parlament EkoSkola 2018**, il-Ħamis, 19 ta' April 2018. Din il-laqgħa fil-Parlament iġġib flimkien studenti mill-iskejjel u l-Membri Parlamentari jiddiskutu temi relatati mal-ħarsien tal-ambjent. Din il-laqgħa titħejja ma' *Nature Trust - Malta* u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. |

| | |
|---|---|
| 22. | **Attività Kulturali Armena fil-Parlament**, l-Erbgħa, 25 ta' April 2018. Din l-attività saret b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet Armeni. |
| | Mejju 2018 |
| 23. | ***Blood Donation Day* fil-Parlament**, organizzata flimkien mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u *National Blood Transfusion Service*, il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2018. |
| 24. | **Fid-dell tal-ħitan *"In the shadows of the walls"* Kenn, Hena u Rifuġju.** ***Exhibition of drawings and paintings highlighting the stonewalls and ramparts that make up Maltese urban and rural landscapes***. Xogħlijiet tal-arti ta' Raymond D. Agius u Stephen C. Spiteri, mill-Ħamis, 3 sal-Ħadd, 27 ta' Mejju 2018. |
| 25. | ***Giovanni Curmi Higher Secondary School fil-Parlament***, l-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2018. B'kollaborazzjoni mad-Dipartment System of Knowledge. Matul l-edizzjoni ta' din is-sena, l-istudenti ddiskutew għadd ta' suġġetti, fosthom il-Vot 16; id-drittijiet tal-omm u dawk tat-tarbija fil-ġuf tagħha; il-ġurnaliżmu; l-użu tal-vetturi bl-elettriku; l-ODZ (Outside Development Zone); l-apprezzament tal-arti; u Valletta 2018. |
| 26. | **Konferenza fil-Parlament dwar il-Jum Internazzjonali tal-Infermiera '*Kura Medika għal Kulħadd*',** l-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2018. Din l-attività saret b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tax-Xjenza Medika, Università ta' Malta. |
| 27. | ***Social Inclusion of Invisible Disabilities* – Konferenza Nazzjonali dwar il-kundizzjoni ta' pazjenti milquta minn ME, CFS u Fibromyalgia**, il-Ħamis, 10 ta' Mejju 2018. Din il-laqgħa kienet organizzata flimkien ma' ME, CFS u Fibromyalgia Alliance, Malta. |
| | Ġunju 2018 |
| 28. | **Wirja kontra l-Armi tal-Qerda tal-Massa**, mis-Sibt, 2 ta' sal-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2018. Din il-wirja saret b'kollaborazzjoni mal-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici, Prim Ministru Emeritu, u sħabu. Din il-wirja hija intiża sabiex turi lill-ġnus jistgħu jaħdmu flimkien sabiex itejbu l-livell ta' żvilupp uman fid-dinja. |
| 29. | **Wirja '*The Centenary of Regaining Independence of Poland: People and Places*'** mit-13 ta' Ġunju sal-1 ta' Lulju 2018. Din il-wirja ser tittella' flimkien mal-Ambaxxata tal-Polonja u l-Istitut Kulturali tal-Polonja f'Ruma. |

| | |
|---|---|
| 30. | **It-Tlieta, 26 ta' Ġunju 2018, Jum Dinji kontra l-Abbuż tad-Droga: Konferenza Nazzjonali: *Ħajja ħielsa mid-droga. Flimkien b'għan wieħed*.** Din il-Konferenza Nazzjonali ser issir sabiex ikompli jikber l-għarfien dwar il-periklu mill-abbuż mid-droga u l-effetti negattivi fuq il-persuna, il-familja u s-soċjetà. F'din l-okkażjoni, il-Parlament ta' Malta qed jissieħeb flimkien mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali, kif ukoll ma' Caritas – Malta, Fondazzjoni OASI u Aġenzija Sedqa fl-organizzazzjoni ta' din il-konferenza li matulha ser issir diskussjoni dwar il-qagħda preżenti, l-aspetti preventivi, mediċi, rijabilitazzjoni u legali. |
| | Lulju 2018 |
| 31. | **Konferenza Internazzjonali dwar Tollerenza u l-Paċi. Tnedija tal-Parlament Internazzjonali dwar it-Tolleranza u l-Paċi**, is-6 ta' Lulju 2018. Din l-attività ser issir flimkien mal-*Global Council for Tolerance and Peace.* |
| | Awwissu 2018 |
| | Settembru 2018 |
| 32. | **Parlament taż-Żgħażagħ 2018**, l-Erbgħa, 12 ta' Settembru 2018. |
| 33. | ***Malta UN Society (MaltUN) Annual Conference***, mill-Ġimgħa, 14 sal-Ħadd, 16 ta' Settembru 2018. |
| 34. | **SkolaSajf 2018 fil-Parlament** |
| 35. | **Wirja artistika ta' Anthony Spagnol (Astratt)** mill-Erbgħa, 26 ta' Settembru sat-Tlieta, 16 ta' Ottubru 2018. |
| | Ottubru 2018 |
| 36. | **Science in the City / Science in the House 2018** |
| 37. | **Notte Bianca,** is-Sibt, 6 ta' Ottubru 2018 |
| 38. | **Parlament tan-Nanniet 2018**, it-12 ta' Ottubru 2018 |
| | |

| | |
|---|---|
| 39. | **Oħloq Kultura:** Inizjattiva kreattiva fejn l-istudentu ta' għadd ta' skejjel f'Malta u Għawdex huma mistennija li joħolqu kulturi b'mod kreattiv. Dan ser jagħmluh bl-għajnuna ta' għalliema bil-għan li huma jagħrfu aktar it-tibdil fis-soċjetà, il-ħsibijiet u opinjonijiet differenti tal-individwi u t-tradizzjonijiet. |
| | <u>Novembru 2018</u> |
| 40. | **Konferenza Nazzjonali fl-għeluq il-Ħamsin Anniversarju mit-twaqqif tal-Unjoni Doganali Ewropea.** Din ser issir b'kollaborazzjoni mad-Dwana ta' Malta u l-Ministeru għall-Finanzi. |
| 41. | ***Public Policy Conference – 40th Anniversary since the institution of the Department of Public Policy at the University of Malta***, il-Ġimgħa, 23 ta' Novembru 2018. |
| | <u>Diċembru 2018</u> |
| 41. | **Wirja ta' Presepju Artistiku fil-Parlament**, mill-Ħamis, 6 ta' Diċembru 2018 sal-Ħadd, 6 ta' Jannar 2019. |
| 42. | **Wirja Artistika b'risq id-Dar tal-Providenza 2018**, mill-14 sat-28 ta' Diċembru 2018. |